MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2720/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Anthony u Josephine konjugi Spiteri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn anness u mmarkat bhala Dok.A1 u Dok.A2, il-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf disa' mija u wiehed u sittin lira maltin u seba' centezmu (Lm1961.07) dovuti in

konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephones numri 245830 u 245826 (Klijenti numri 216747 u 216743);

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat anness u mmarkat bhala Dok.B1 u B2;

Illi s-socjeta' attrici sejhet diversi drabi lill-konvenuti sabiex ihallsuha l-ammont imsemmi izda dawn baqghu inadempjenti;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'iressqu ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta attrici qeghdha tannetti ma' dan l-att affidavit (Dok.C) ghall-iskop tal-istess artikoli msemmija;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta attrici bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta attrici l-ammont ta' elf disa' mija u wiehed u sittin lira Maltin u seba' centezmu (Lm1961.07) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephones numri 245830 u 245826 (Klijent numri 216747 u 216743), skond il-prospett Dok. B anness, ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbidypprezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni – kollha kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat li c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti, li pero' naqsu li jidhru u naqsu li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2004;

Ikkonsidrat:

Mill-kumpless tal-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement ippruvati u ghalhekk l-istess talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Jigi rilevat li l-konvenuti naqsu li jidhru u naqsu li jippresentaw in-nota ta' eccezzjonijiet taghhom;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma elf disa’ mija u wiehed u sittin liri maltin u seba’ centezmi (Lm1961.07) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephones numri 245830 u 245826 (Klijenti numri 216747 u 216743) u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effetiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------